MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Appell Civili Numru. 475/2011/1

**Chemimart Limited**

**v.**

**Reckitt Benckiser Healthcare International Limited**

Dan hu provvediment dwar il-kwistjoni sollevata mill-partijiet dwar jekk l-appell odjern għandux jiġi dikjarat deżert minħabba n-nuqqas da parti tas-soċjeta appellanti li tiddepożita l-garanzija meħtieġa mill-liġi sabiex tikkawtela l-appell tagħha.

B'verbal ta' llum Reginald Fava ddikjara li ħa konjizzjoni tan-nota tal-kawtela llum stess u li għalkemm l-avviż tal-kawtela waslet l-uffiċċju tal-kumpannija din ma kinetx nġiebet a konjizzjoni tiegħu u għalhekk, peress li ma hemmx notifika "perfetta" jitlob żmien anke sa dalgħodu stess biex jikkawtela l-appell. Żied jiddikjara li l-persuna li rċeviet in-notifika skont ir-riferta hija impjegata mal-kumpanija pero' ma hix Direttur.

Dr. Nicola Vella Falzon, għas-soċjeta' appellata oppona t-talba msemmija peress li jirritjeni li n-notifika hi valida skont il-liġi li hija tassattiva li l-kawtela għandha titħallas qabel ma jissejjaħ l-appell u hemm diversi sentenzi ta' din il-Qorti li jgħidu li f'każ li l-kawtela ma tkunx tħallset l-appell għandu jkun deżert.

L-artikolu 209(1) tal-Kap. 12, fil-parti tiegħu relevanti għall-vertenza odjern, jipprovdi li:

"(1) Fil-Qorti tal-Appell, jekk meta tissejjaħ il-kawża, jinstab li ma tkunx saret il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża kif provdut fl-artiklu 249, il-qorti għandha minnufih tgħaddi biex tiddikjara l-appell deżert:

Iżda l-qorti tista' tagħti lill-aoppellant żmien qasir li fih huwa jkun jista' ioġib il-garanzija għall-ispejjeż… jekk ir-reġistratuir ma jkunx:

(a) stabbilixxa s-somma li għandha, titħallas bħala garanzija; u
(b) innotifika lill-appellant b'dan filwaqt li jgħarrafu b'dak l-avviż x'jista jiġrilu, fil-kaz ta' nuqqas minn naħa tiegħu, u dan mill-inqas għaxart ijiem qabel is-smigħ tal-kawża." (sottolinear tal-Qorti).

L-artikolu 249(1) li għalih hemm riferenza fl-artikolu 209(1) imsemmi jipprovdi ulterjorment li jekk l-appell jkun ser jinstema' qabel tnax-il xahar min-notifika msemmija il-garanzija għall-ispejjeż għandha ssir u tiġi depożitata fil-qorti mhux aktar tard minn jumejn mid-data stabbilita għas-smigh ta' dak l-appell.

L-avviż li l-appell kellu jinstema' nhar it-Tnejn, 4 ta' Marzu, 2013 fid-9.00 am ġie notifikat lis-soċjeta appellanti fid-19 ta' Frar 2013 f'idejn Graziella Fava, li hi impjegata tal-istess soċjeta u bint Reġinald Fava. L-avviż tas-smigħ ġie għalhekk notifikat lis-socjeta' appellanti għaxart ijiem qabel is-smigħ tal-kawża.

In-notifika tal-avviż tas-smigħ saret f'idejn Graziella Fava validament skont il-liġi u għalhekk din il-Qorti ma hix tal-fehma li hemm x'tindaga iżjed fir-rigward.

Tenut kont tad-data tas-smigħ tal-appell, l-avviż tal-appell ġie notifikat lis-soċjeta' appellata għaxart ijiem qabel is-smigħ tal-kawża kif meħtieġ bl-artikolu 209(1) tal-Kap. 12.

Is-soċjeta' appellanti ssostni li t-terminu ta' għaxart ijiem mogħti fl-artikolu 209(1) tal-Kap. 12 huwa ntiż sabiex jagħti lill-appellant għaxart ijiem sħah "sabiex jottjeni finanzjament għall-garanzjia" u li għalhekk it-terminu ta' jumjen msemmi fl-artikolu 249(1) huwa, skont hu, neċessarjament b'żieda ma' l-għaxart ijiem mogħtija fl-artikolu 209(1) għaliex altrimenti l-appellant ma jkunx qiegħed jużufruwixxi bit-terminu sħiħ ta' għaxart ijiem sabiex jakkwista finanzjament għall-garanzija. Huwa għalhekk isostni li l-aħħar jum li fiha seta' jagħmel il-garanzija kien is-Sibt jew il-Ħadd u li għalhekk, fiż-żewġ ipotesijiet l-aħħar jum li seta' jagħmel id-depożitu huwa llum, li jiġi l-ewwel jum tax-xogħol wara l-jum ta' skadenza.

L-argument tas-soċjeta' appellanti huwa wieħed ċertament inġenjuż iżda huwa wkoll daqstant fallaċi. L-argument tas-soċjeta' appellanti huwa mibni fuq is-sottomissjoni gratuwita u li ma tirriżulta mkien mill-liġi li t-terminu ta' għaxart ijiem msemmi huwa ntiż mil-liġi sabiex l-appellant ikun jista' jottjeni finanzjament għall-garanzija. Wieħed jista' jispekula kemm irid dwar il-fini tat-terminu ta' għaxart ijiem msemmi iżda hu x'inhu l-għan ta' dak it-terminu l-volonta' tal-leġislatur hi kjara u limpida u kategorika li purche' li l-avviż ikun ġie notifikat lis-soċjeta' appellanti mill-inqas għaxart ijiem qabel id-data tas-smigħ tal-kawża, il-garanzija għall-ispejjeż <u>għandha</u> ssir u tiġi depożitata fil-qorti <u>mhux aktar tard minn jumejn mid-data</u>

stabbilita għas-smigh ta’ dak l-appell. Dan ifisser li l-aħħar jum li setgħet issir il-garanzija kienet il-Gimgħa 1 ta’ Marzu 2013.

Darba li jirriżulta li ma saritx il-garanzija kif provdut fl-artikolu 249 tal-Kap 12, il-konsegwenza skont l-artikolu 209(1) tal-istess Kap. 12 hi tassattiva u kategorika u l-Qorti hi obbligata li tgħaddi biex tiddikjara l-appell desert.

Għaldaqstant il-Qorti tiċħad it-talba tas-soċjeta appellanti u tiddikjara l-appell deżert u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------